# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru 2023**

**Rikors Numru 624/2019 FDP**

Fl-ismijiet

**Luke Desira (K.I. 274787M)**

**Vs**

**Rachel Vella Spiteri (K.I. 293291M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors tar-rikorrent **Luke Desira** datat 24 ta' Ġunju 2019, li permezz tiegħu talab is-segwenti:

    1. *Illi l-attur huwa azzjonist fis-soċjeta' Positivitea Ltd (C 90650), in kwantu l-attur jippossjedi tliet mijja u sittin (360) sehem ordinarju waqt li l-konvenuta tippossjedi tmien mija u erbgħin (840) sehem ordinarju, kollha tal-valur nominali ta' ewro-il (€1) wieħed (minn total ta' elf u mitejn (1,200) sehem ordinarju tal-valur nominali ta' ewro-il (€1) wieħed f'din is-soċjeta';*

    2. *Illi l-konvenuta hija wkoll l-unika direttriċi u l-company secretary tas-soċjeta' Positivitea Ltd (C 90650);*

    3. *Is-soċjeta' Positivitea Ltd hija l-proprjetarja tal-cafeteria "Chai", liema cafeteria kienet oriġinarjament tal-attur u li għaliha fis-sena 2018 l-istess attur kien qed ifittex lil xi ħadd sabiex joperaha u b'hekk beda jagħmel ir-reklami fuq facebook;*

4. *Fl-20 ta' Diċembru tas-sena 2018 l-konvenuta rat ir-reklam tal-attur fuq facebook u minn rajha avviċinat lill-attur u esprimiet ix-xewqa tagħha li tibda business u li takkwista sehem f'"Chai";*

5. *Illi għalhekk fl-1 ta' Frar tas-sena 2019 l-attur u l-konvenuta ffirmaw Shareholders Agreement sabiex jistabbilixxu s-soċjeta' Positivitea Ltd. u wkoll sabiex jiftehmu dwar ir-responsabbiltajiet kummerċjali u l-obbligazzjonijiet personali taż-żewġ partijiet lejn xulxin u lejn il-kumpannija;*

6. *Il-konvenuta ma kellhiex biżżejjed fondi sabiex takkwista s-sehem tagħha ta' "Chai" u ċioe' sabiex issir il-majority shareholder tal-kumpannija;*

7. *L-attur xtaq jgħin lill-konvenuta fl-ambizzjonijiet tagħha li tiftaħ business u għalhekk offrielha li tixtri s-sehem tagħha ta' "Chai" permezz ta' Shareholders Loan li kien ikopri l-parti tagħha tal-valur tal-assi kollha ta' "Chai", u ċioe ta' sebgħin fil-mija (70%) tal-assi kollha li kienu jeżistu fid-data tax-SharehoIders Agreement għas-somma ta' flus miftiehem bejn il-partijiet fl-istess kuntratt;*

8. *L-attur u l-konvenuta ftehmu fix-Shareholders Agreement illi l-konvenuta kellha tħallas lill-attur is-somma ċerta, likwida u dovuta ta' tmienja u għoxrin elf Ewro (EUR28,000) akkont tas-surreferit Shareholders Loan permezz ta' pagamenti bin-nifs ta' erbgħa mija u sebgħa u sittin Ewro (EUR467) fuq medda ta' ħames snin, liema pagamenti kellhom jibdew mill-1 ta' Marzu 2019;*

9. *Illi Positivitea Ltd ġiet irreġistrata mar-Reġistru tal-Kumpanniji ta' Malta fil-25 ta' Frar 2019 bil-konvenuta bħala majority shareholder, sole director u company secretary;*

10. *Meta l-konvenuta bdiet topera l-cafeteria "Chai" hija għamlet diversi affarijiet li jmorru kontra l-benessere tal-kumpannija Positivitea Ltd u tal-cafeteria "Chai" bħalma ser jiġi spjegat f'iktar dettal hawn taħt;*

11. *Di piu', f'April il-konvenuta abbandunat il-business mingħajr proper notice mingħajr ma ppruvat timmitiga l-effetti tat-tluq tagħha fuq il-kumpannija, fuq il-cafeteria u fuq l-attur, u mingħajr ma ħarset dak stipulat fil-Memorandum & Articles ta' Positivitea Ltd, dak stipulat fix-Shareholders Agreement u dak mistenni minn direttriċi ta' kumpannija skond il-Liġi Maltija;*

*IL-ĦINIJIET TAX-XOGĦOL*

12. *Illi fil-klawsola 4(viii) tax-Shareholders Agreement il-konvenuta aċċettat illi s-siegħat tal-ftuħ ta' "Chai" kellhom ikunu l-ġranet ta' matul il-ġimgħa għal lunch u l-Ġimgħa u s-Sibt filgħaxija. Illi nonostante dan, mil-lista ta' prodotti li nbiegħu minn "Chai" matul ix-xhur ta' Frar sa April jidher ċar illi il-konvenuta kienet tiftaħ irregolarment u kif jogħġob lilha. Wieħed jista' per eżempju jinnota li:*

(i) *Hemm biss bejgħ wieħed irrekordjat fis-Sibtijiet kollha ta' bejn Frar u April, u ċioe fit-30 ta' Marzu, li jimplika li l-cafeteria ma kenitx miftuħa fis-Sibtijiet l-oħra. Meta wieħed jara l-bejgħ li kien isir fil-ġranet l-oħra, li kieku Chai kien miftuħ is-Sibt kien ikun hemm xi bejgħ irrekordjat żgur;*

(ii) *Ma hemm lanqas ebda bejgħ irrekordjat bejn it-8 ta' Frar u l-14 ta' Frar li wkoll jimplika li l-cafeteria ma kenitx miftuħa għal ġimgħa sħiħa;*

(iii) *L-istess jingħad mis-16 ta' Marzu sal-24 ta' Marzu fejn ukoll ma hemm l-ebda bejgħ irrekordjat. F'almenu wieħed minn dawn il-perjodi surreferiti, il-konvenuta siefret u, minflok impjegat lil xi ħadd sabiex jopera l-cafeteria waqt li hi tkun imsiefra, iddeċidiet tagħlaq il-cafeteria;*

(iv) *Dan kollu kkawża telf ta' profitt lil "Chai" u għalhekk ikkawża wkoll telf ta' profitt lill-attur;*

*KONT BANKARJU*

13. *Illi kienet ir-responsabbilta tal-konvenuta li tiftaħ kont bankarju għas-soċjeta' Positivitea Ltd, iżda dan qatt m' għamlitu;*

14. *Minflok baqgħet topera l-kumpannija mill-kont bankarju privat tagħha, allavolja ġiet interpellata sabiex tagħmel dan diversi drabi, hekk kif jidher minn waħda minn dawn l-istanzi fejn l-accountant tal-kumpannija ħeġġiġha tiftaħ il-kont u anke offrielha l-għajnuna tiegħu fil-proċess;*

*TOPERA CAFETERIA MINGĦAJIR 'FOOD HANDLING CERTIFICATE'*

15. *Illi l-intimata bdiet topera l-cafeteria mingħajr food handling certificate u dan bi ksur tal-Artikli 3 u 4 tar-Regolamenti Dwar Ir-Reġistrazzjoni Ta' Min Jipprepara l-Ikel (Leġislazzjoni Sussidjarja 449.27):*

> *"3.(1) Ħadd ma jista ' jagħmilha bħala min jipprepara l-ikel mingħajr ma qabel ikun reġistrat bħala tali mal-Kummissjoni għas-Sigurta' fl-Ikel.*
>
> *(2) Ħadd ma jista' jimpjega lil min jipprepara l-ikel f'xi negozju tal-ikel jekk ma jkunx reġistrat mas-Supretendent u jkollu dokument ta ' reġistrazzjoni korrenti.*
>
> *(3) Kull min jipprepara l-ikel u japplika biex jiġi reġistrat mal-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel għandu jkollu ċertifikat validu kif muri fl-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.*
>
> *4.(1) Kull min jipprepara l-ikel u jkun reġistrat mal-Kummissjoni għas-Sigurtà l-Ikel għandu jinħariġlu dokument ta ' reġistrazzjoni.*

*(2) Il-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel għandha żżomm reġistru ta' kull min jipprepara l-ikel u li jkun inħariġlu dokument ta reġistrazzjoni.*

*(3) Dak id-dokument ta' reġistrazzjoni għandu jkun validu għal perjodu ta ' sentejn jew ta' ħames snin skond ma jkun jiddependi mit-tip ta' ċertifikat validu ppreżentat.*

*(4) Il-Kummissjoni għas-Sigurtà fl-Ikel għandha ġġedded id-dokument ta' reġistrazzjoni meta tintalab tagħmel hekk sakemm ikun ġie wkoll ppreżentat ċertifikat validu meta ssir it-talba.*

*(5) Dak id-dokument ta' reġistrazzjoni għandu jkun disponibbli għall-ispezzjoni minn uffiċċjal awtorizzat meta jiġi hekk mitlub.*

*ABBANDUNAT Il-BUSINESS META FETTLILHA*

*16. Illi inoltre, fil-15 ta' April il-konvenuta infurmat lill-attur permezz ta' messaġġ bil-mobile li ddeċidiet titlaq minn ma' Positivitea Ltd u "Chai" u li dik kienet ser tkun l-aħħar ġimgħa tagħha;*

*17. Illi l-konvenuta għamlet dan mingħajr lanqas ma organizzat company general meeting b'minimu ta' 14 day notice kif suppost u kif mitlub mill-Artiklu 33 tal-Memorandum & Articles tal-kumpannija;*

*18. Illi tliet ijiem wara qabdet u telqet mill-istabbiliment ta' Chai, ħadet żewġ cakes magħha u mbagħad kitbet dikjarazzjoni fuq platform pubbliku ("Facebook") li Chai kien għalaq għall-fini kollha until further notice (vide Dok 8), liema notice, avolja wara tneħħiet, ġiegħlet il-kelma tiġri li "Chai" kien għalaq;*

*19. Illi hekk il-konvenuta qabdet u għalqet il-business u, avolja l-konvenuta għadha rreġistrata mal-Malta Financial Services Authority bħala sole director, company secretary u majority shareholder ta' Positivitea Ltd., hija baqgħet qatt ma reġgħet fetħet il-cafeteria "Chai";*

*PROFITT*

*20. Illi bħalma jidher mis-surreferit rapport tal-bejgħ, "Chai" hija cafeteria li għandha l-potenzjal li tikber u li tirrendi profitt;*

*21. Illi li kieku l-konvenuta ma daħlitx għar-responsabbiltajiet kollha ta' Positivitea Ltd u ta' "Chai", minn meta l-partijiet bdew jinnegozjaw r-relazzjoni kummerċjali tagħhom 'l hawn, u ċioe' minn Diċembru 2018 'l hawn, l-attur kien jassoċja ruħu ma' persuna oħra li kienet tistinka sabiex tirrendi l-investiment tal-attur profittabbli;*

*22. Illi ladarba daħlet għal dawn ir-responsabbiltajiet kollha, hija kellha d-dmir li tħares dak kollu stipulat fix-Shareholders Agreement, fil-*

*Memorandum & Articles u fil-liġi dwar l-andament tal-kumpanniji u dwar ir-responsabbiltajiet tad-diretturi tal-kumpanniji;*

23. *Illi dan kollu kkawża telf u qed ikompli jikkawża telf ta' profitt lill-attur,*

*SHAREHOLDERS*

24. *Illi inoltre, il-konvenuta ddeċidiet ukoll li tieqaf tħallas ix-Shareholders Loan li bih l-attur għinha tidħol fil-business u li fuqu x-Shareholders Agreement jgħid hekk:*

 *"For the avoidance of doubt, the amount of twenty-eight thousand Euros (EUR 28,000) shall be payable by Ms. Rachael Spiteri to Mr. Luke Desira, and such amount shall he considered a debt certain, liquid and due by Ms. Rachael Spiteri in her personal capacity to Mr. Luke Desira. This amount shall be paid in monthly instalments by Ms. Rachael Spiteri to Mr Luke Desira at the amount of EUR 467 per month for the duration of 5 years starting from and due on the 1st of March 2019. This amount due by Ms. Rachael Vella Spiteri to Mr. Luke Desira shall be payable agreed here above irrespective of any change in the shares held by the Parties in the new company, irrespective of any change in shares held by the Parties in the new company and irrespective of the resignation from Director of Ms. Rachael Spiteri from the new company. To this effect, Ms. Rachael Spiteri shall have the right to assign this debt due to Mr. Luke Desira to any third party upon written agreement between the parties to this Agreement and the new party, that is, the assignee of the loan. "*

25. *Illi minflok assenjat il-loan agreement li hija stess aċċettat bħalma kellha d-dritt tagħmel, il-konvenuta ddeċidiet tieqaf tħares it-termini tax-Shareholders Agreement bħal li kieku kuntratt huwa biss esperiment għaliha li taħseb li tista' tikser meta jidhrilha;*

26. *Illi l-konvenuta ħallset biss l-ammont dovut għax-xahar ta' Marzu 2019 kif jidher miċ-cheque hawn anness u mmarkat bħala Dok 9;*

27. *Illi kif jidher mill-istatistiċi ta' facebook relatati ma' reklam illi l-attur għamel fuq facebook f'Novembru tas-sena 2018 sabiex isib lil xi ħadd biex jopera l-cafeteria (vide. Dok 10 u Dok Il), jidher illi permezz ta' tali reklam l-attur irċieva mija u tmenin messaġġ (180) relatat ma' dak ir-reklam;*

28. *Illi meta aċċetta lill-konvenuta bħala business partner minflok persuni oħra, l-attur tilef l-opportunita' sabiex jibda business ma' nies oħra li setgħu ħallsuh il-parti tal-assjem tal-kumpannija upfront jew li kienu jħarsu t-termini ta' Shareholders Loan kif suppost, u li setgħu mexxew il-kumpannija kif suppost;*

*IR-RENTA u SPEJJEŻ OĦRA*

29. *Illi nonostante l-fatt illi l-konvenuta abbandunat il-business u waqfet tħallas ix-Shareholders Loan, u nonostante l-fatt illi "Chai" mhijiex qed topera, l-attur xorta waħda kellu jħallas r-renta għall-perjodu li kien imiss (minn Marzu sa Ġunju 2019) tal-proprjeta' li minnha topera l-cafeteria u li hija mniżżla bħala l-company registered address fil-Memorandum & Articles ta' Positivitea Ltd (39, Mdina Road, Attard, ATD 9038);*

30. *Illi ir-renta għal tali perjodu kien jammonta għal tliet elef, disgħa mija u ħamsa u sebgħin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (EUR3975.28);*

31. *Illi, inoltre, l-attur qiegħed iħallas ukoll spejjeż oħra bħal dawl u l-ilma, tal-MaIta Tourism Authority (skond l-Att Dwar Servizzi Tal-Ivvjaġġar u Tat-Turiżmu Għal Malta (Kap. 409 tal-Liġijiet ta' Malta)) u telephone, television u internet;*

32. *Il-klawsola 6 tax-Shareholders Agreement tgħid hekk "Both parties agree to observe proper conduct and refrain from doing or saying something which may adversely affect the reputation of the Business Project, its customers, colleagues and the Other party to this agreement and employees*

33. *Illi dan kollu suespost mhux biss ikkawża u għadu qed jikkawża telf ta' profitt lill-kumpannija Positivitea Ltd u għalhekk ukoll lill-attur, iżda weġġa u qed ikompli jweġġa r-reputazzjoni ta' "Chai" u tal-attur personalment;*

34. *Di piu', skond l-Artiklu 136A tal-Att Dwar il-Kumpanniji (Kap. 386 tal-Liġijiet Ta' Malta):*

> *"(1) Direttur ta' kumpannija jkun marbut li jaġixxi b 'onesta' u bona fide fl-aħjar interessi tal-kumpannija.*
>
> *(2) Id-diretturi ta' kumpannija għandhom jippromwovu il-benessere tal-kumpannija u jkunu responsabbli għal:*
>
> *(a) it-tmexxija ġenerali tal-kumpannija u l-amministrazzjoni u l-immaniġġjar tagħha; u*
>
> *(b) s-sorveljanza ġenerali tal-affarijiet tagħha.*
>
> *(3) B 'mod partikolari, iżda bla ħsara għal kull dmir ieħor mogħti lid-diretturi ta' kumpannija, jew lil xi wieħed minnhom, bil-memorandum u l-Istatut ta' assoċjazzjoni jew b 'dan l-Att jew b'xi liġi oħra, id-diretturi ta' kumpannija:*
>
> *(a) ikunu obbligati li jeżerċitaw kura, diliġenza u ħila li jkunu eżerċitati minn persuna raġonevolment diliġenti li jkollha -*

*(i) kemm it-tagħrif, il-ħila u l-esperjenza li jkunu raġonevolment mistennija minn persuna li tkun qed taqdi l-istess funzjonijiet li jkunu moqdija jew fdati lil dak id-direttur dwar il-kumpannija:*

*(ii) kif ukoll it-tagħrif, il-ħila u l-esperjenza li jkollu d-direttur."*

35. *Illi minn dak kollu suespost jidher ċar illi l-konvenuta ma aġixxietx fl-aħjar interessi tal-kumpannija u ma ppromwovietx il-benessere tal-kumpannija. Il-konvenuta ma eżerċitatx kura, diliġenza u ħila ta' persuna raġonevolment diliġenti.*

36. *II-konvenuta mxiet kontra dak stipulat fil-Memorandum & Articles, kontra l-liġijiet ta' Malta dwar il-Kumpanniji u fl-istess ħin ma oneratx ix-Shareholders Agreement',*

37. *Bħala riżultat tal-azzjonijiet tal-konvenuta, l-attur mil-lum għall-għada spiċċa waħdu bħala minority shareholder ta' cafeteria magħluqa;*

38. *II-konvenuta xtaqet tibda business sabiex tibda taħdem bħala persuna self-employed u għalhekk ddeċidiet tiffirma Shareholders Agreement mal-attur u tibda kumpannija miegħu;*

39. *L-attur għin lill-konvenuta tibda l-ħajja tal-business permezz ta' Shareholders Loan;*

40. *Nonostante dan u b'konsegwenza diretta tal-azzjonijiet kollha surreferiti tal-konvenuta, l-attur sofra:*

a) *danni f'telf ta' profitt minħabba fil-ġranet li fihom ma fetħitx il-cafeteria l-konvenuta meta hija kellha tiftaħ;*

b) *danni f'telf tal-opportunita' li seta' kellu l-attur biex jassoċja ruħu ma' persuna oħra li kienet tistinka sabiex tirrendi l-business profitabbli minflok mal-konvenuta;*

c) *danni lir-reputazzjoni ta' "Chai" u tal-attur;*

d) *danni fi spejjeż bħalma huma r-renta, d-dawl u l-ilma, l-liċenzja tal-Malta Tourism Authority u spejjeż ta' telephone, internet u television;*

*Għaldaqstant l-attur umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara li l-attur sofra danni b'konsegwenza tal-mod kif operat il-business il-konvenuta u b'konsegwenza wkoll ta' kif abbandunat l-istess business;*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mill-attur;*

3. *Tikkundanna lill-konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati;*

4. *Tiddikjara illi l-konvenuta għandha tħares it-termini tax-Shareholders loan;*

5. *Tikkundanna lill-konvenuta tibqa' tħallas ix-Shareholders Loan sa ma ssib lil xi ħadd lil min tassenja d-dejn ċert, likwidu u dovut, u sa ma tali terza persuna tiġi aċċettata mill-attur bil-miktub kif stipulat fix-Shareholders Agreement;*

6. *Tagħti u tordna dawk il-provvedimenti oħra li jidhrilha xierqa u opportuni sabiex l-attur jingħata dak kollu illi huwa dovut lilu;*

7. *U dana kollu taħt dawk it-termini, pattijiet u kundizzjonijiet oħra illi dina l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-konvenuta minn issa nġunta għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fil-11 ta' Ottubru 2019, l-intimata **Rachel Vella Spiteri** irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti difiżi:

1. *Illi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta hija illi l-pretenzjonijiet tal-attur huma infondati kemm fid-dritt u anke fil-fatt u dan peress illi l-konvenuta m'hijiex debitriċi għall-ebda somma kif qed jiġi pretiż mill-attur u lanqas ma tat lok għal kwalunkwe dannu kif qiegħed jingħad mill-attur, sew jekk hux b'xi att jew omissjoni da parti tal-attriċi;*

2. *Illi mill-verijoni tal-fatti kif preżentati mill-attur, jirriżultaw mhux biss diversi ineżattezzi kif ser jiġi spjegat:-*

3. *Illi bħala stat ta' fatt, l-attriċi illum il-ġurnata m'għadhiex direttriċi fl-imsemmija kumpanija Positivitea Ltd liema bidla saret qabel ma ġiet intavolata din il-kawża u liema reġistrazzjoni saret qabel in-notifika ta' din il-kawża lill-konvenuta, u dan kif jixhed id-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok A.*

4. *Illi sakemm il-konvenuta kienet għadha involuta fil-kumpanija Positivitea Limited, l-cafeteria bl-isem "Chai" ma kenitx fil-fatt propjeta' tas-socjeta' Positivitea Limited iżda kienet propjeta' ta' terzi mikrija f'isem l-applikant, u mhux f'isem is-soċjeta' hawn fuq imsemmija;*

5. *Illi fir-rigward tal-klawżola numru tnax sollevata mill-attur, u dan fir-rigward tal-ħinijiet tax-xogħol, l-attur m'huwiex qiegħed ikun leali f'dak li qiegħed jallega. Filfatt, fir-rigward tal-ftuħ tal-cafeteria, din kienet parti minn tratepija maqbula bejn il-Partijiet u mhux azzjoni arbitrarja tal-konvenuta. In oltre, għall kull okkażjoni illi l-attur qiegħed jallega illi l-cafeteria li minnha kien jiġi ġestit in-negozju kien magħluq, dan jew ma kienx il-każ, jew inkella kien magħluq bi qbil espress mal-attur. Dan joħroġ ċar mid-dokumenti hawnhekk kollettivament annessi u mmarkati bħala Doks B u Dok C, li huwa dokument mfassal bejn il-Partijiet flimkien*

*u li juri numru ta' proposti u arranġamenti maqbula bejn iż-żewġ partijiet, bħal per eżempju il-fatt illi il-cafetria kellha tibda topera wara d-dati allegati mill-attur u ċioe wara l-erbatax (14) ta ' Frar 2018 u dan bil-kunsens sħiħ tal-attur, kif ser jiġi ppruvat f'iktar dettal matul il-kawża;*

6. *Illi fir-rigward tal-kont bankarju, għal darb'ohra l-attur mhux qiegħed jagħti l-istampa kollha meta jgħid illi l-attriċi naqset milli tiftaħ kont bankarju f'isem is-soċjeta' attriċi il-għaliex hija kienet inadempjenti. Kif ser jiġi ppruvat waqt is-smiegħ tal-kawża, l-attur ried illi l-kont bankarju kellu jinfetaħ ġewwa fergħa ta' bank partikolari u ma ħaddiem ta' dan il-bank partikolari, u dan il-fatt ikontribwixxa għar-raġuni il-għaliex il-kont bankarju minnufih. Apparti minn hekk, u għal darb'oħra kif ser jiġi ppruvat waqt is-smiegħ tal-kawża, sabiex jinfetaħ il-kont bankarju kien jeħtieġ li jiġu preparati u ppreżentati numru ta' dokumenti bħal projections u financials illi setgħu jinkisbu biss mingħand l-attur u l-accountant tal-kumpanija magħżul mill-attur u liema dokumenti qatt ma ngħataw lill-konvenuta. Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi u sakemm in-negozju jieħu spinta, kienet deċiżjoni taż-żewġ partijiet illi temporanjmanet jintuża kont f'isem il-konvenuta sakemm jinfetaħ il-kont bankarju f'isem is-soċjeta' Positivitea Limited. Fil-fatt, dan kien wieħed mill-punti maqbula bejn il-partijiet u saħansitra l-attur ma sab l-ebda oġġezzjoni illi jiddepożita hu stess flus direttament f'dan il-kont tal-konvenuta. Dan joħroġ ċar mid-dokument diġa' msemmi bħala Dok C u dokumenti ulterjuri hawn annessi u mmarkati kollettivament bħala Dok D, u kif ser jiġi ppruvat waqt is-smiegħ tal-kawża;*

7. *L-attur jilmenta illi l-konvenuta ma mxietx skond l-Artiklu 33 tal-Memorandum and Articles tal-kumpanija il-għaliex ma ġiex organizzat company general meeting dwar ir-riżenja tagħha. Wieħed japprezza illi l-Memorandum & Articles għandhom il-funzjoni illi jservu bħala gwida dwar kif ċertu kwistjonijiet għandhom jiġu trattati, iżda iżjed u iżjed għandu jiġi apprezzat illi f'dan il-każ qegħdin nitkellmu dwar cafeteria żgħira li kienet titmexxa mill-konvenuta u dwar kumpanija ta' żewġ azzjonisti, u ċioe il-partijiet, u għaldaqstant wieħed għandu japprezza in-neċessita' stretta jew le jsir 'company general meeting';*

8. *Rigward l-ilment tal-attur dwar il-fatt li l-konvenuta għamlet dikjarazzjoni fuq il-Facebook illi Chai kien għalaq 'until further notice' , l-konvenuta tisħaq illi din m'hi xejn ħlief etika bażika illi tavża lill-klijentela tiegħek illi il-cafeteria kienet ser tkun magħulqa;*

9. *Fir-rigward tas-shareholders agreement imsemmi mill-attur, primarjament jingħad illi mhux minnu illi l-konvenuta ħallset biss l-ammont dovut għax-xahar ta' Marzu 2019, iżda filfatt hija ħallset għax-xahar ta' Marzu u April, u dan kif jixhed Dok E; Dwar dan is-shareholders agreement, konvenjentament l-attur qiegħed jikkwota parti selettiva ħafna minn dan il-kuntratt u jonqos milli jikkwota l-obbligi tiegħu stipulati f'dan il-kuntratt illi direttament jorbtu mas-somma pagabbli mill-konvenuta lill-attur, liema obbligi l-attur naqas li jagħmel u li allura ma jistax jippretendi illi jiġbor is-somma flus kwotata fl-imsemmi 'Shareholders Agreement'. Is-somma flus li kienet pagabbli mill-*

*konvenuta u li ġiet kwotata mill-attur hija fil-fatt marbuta mal-obbligu tal-attur illi jitrasferixxi l-kirja tal-istabbiliment minn fejn kien jiġi ġestit in-negozju f'isem il-kumpanija u di piu illi jitrasferixxi numru ta' assi li suppost kellhom jitniżżlu permezz ta' addendum li kellu jiġi mmarkat bħala 'Annex 1' mal-kuntratt. Dawn iż-żewġ obbligi ma sarux minn naħa tal-attur u dan mingħajr ebda raġuni valida skond il-liġi u għaldaqstant huwa l-attur li kien inadempjenti vis-a-vis l-imsemmi 'Shareholders Agreement' u mhux l-attriċi kif qiegħed jipprova jpenġi l-istorja l-attur. Għaldaqstant, l-attur ma jistax jippretendi li l-attriċi tissodisfa l-obbligi tagħha meta huwa stess ma onorax l-obbligi tiegħu, u dan minkejja li l-konvenuta kienet diġa' ħallset żewġ pagamenti skond il-ftehim imsemmi;*

10. *Fir-rigward tar-renta tal-cafeteria imsemmija, qiegħed hawn jerġa' jingħad illi l-propjeta' minn fejn kien jiġi ġestit in-negozju kienet tinkera b'titolu ta' kirja lill-attur biss (u mhux lill-konvenuta, u lanqas lis-soċjeta' Positivitea Limited) u illi l-attur intrabat skond l-imsemmi Shareholders Agreement illi din il-kirja imsemmija tiġi trasferita fuq isem is-soċjeta' Positvitea Limited, liema trasferiment ma sarx. Minkejja dan, il-konvenuta xorta waħda ħallset il-kirja dovuta għax xhur ta' Marzu u April avolja l-attur ma mexiex skond il-ftehim, iżda żgur ma jistax jippretendi illi jitħallas għax-xhur sussegwenti meta huwa baqa' inadempjenti. Dwar il-liċenzja tal-Malta Tourism Authority (MTA), tajjeb jingħad illi din fil-fatt mhix reġistrata fuq isem is-soċjeta' Positivitea Limited iżda hija reġistrata fuq isem Romilyn Desira, u ċioe fuq isem il-mara tal-attur, u dan kif jixhed Dok F hawn anness. Għaldaqstant, ma jitwemminx kif l-attur qiegħed jippretendi ħlas ta' ċertu spejjeż meta huwa stess naqas li jikkopera mal-attriċi sabiex jiġu regolarizzati numru ta' affarijiet bħal m'hija il-licenzja tal-MTA, u li minn fuq jippretendi li l-konvenuta tħallas sehemha mill-ispejjeż għaliha;*

11. *L-attur jilmenta wkoll illi huwa sofra danni f'telf ta' profitt minħabba l-fatt illi l-attur assoċja ruħu mal-konvenuta flok ma persuni oħra. B'kull rispett, l-attur ġie mħeġġeġ illi jassoċja ruħu ma' ħaddieħor iżda hu biss jaf il-għaliex jibqa jwebbes rasu li dan ma jridux. Tant hu hekk, illi kif ser jiġi ppruvat waqt is-smiegħ tal-kawża, l-attur wissa lill-konvenuta sabiex din tal-aħħar ma tmexxix il-kelma li hemm opportunita' sabiex terz jidħol bħala azzjonist fis-soċjeta' Positvtea Limited. Fir-rikors tiegħu l-attur saħansitra jgħid illi meta kien irreklama l-opportunita' li jsib lil xi ħadd sabiex jopera l-cafeteria, huwa kellhu mija u tmenin (180) messaġġ relatati mar-riklam. Allura, bla dubju ma kellux ikollu problema sabiex isib persuna li tieħu post il-konvenuta, iżda, għal darb'oħra, hu biss jaf il-għaliex dan ma jridx li jsir. Il-konvenuta tagħmilha ċara minn issa illi hija qatt ma aġixxiet b' mod li ttellef ir-reputazzjoni ta' Chai jew tal-attur u kwalunkwe allegazzjoni għal din qiegħda tiġi oġġezzjonata bl-aktar qawwa u bla riserva;*

12. *Illi fuq kollox, m'huwiex minnu illi l-attriċi abbandunat l-obbligi tagħha bħala direttriċi tas-soċjeta' Positivitea Limited il-għaliex kif ser jiġi pruvat waqt is-smiegħ tal-kawża, l-attur, għalkemm teknikament 'minority shareholder', kellu involviment kontinwu u konsiderevoli fil-ġestjoni tan-*

*negozju u l-irwol fattwali tiegħu kien iżjed sinonimu ma' 'shadow director'. L-attur kien jinsisti illi huwa jkollu jedd fuq il-ġestjoni ordinarju tan-negozju iżda fil-frattemp huwa unikament ħalaq ambjent xejn feliċi sabiex dan ikun jista' jsir u anzi s-sitwazzjoni li huwa ħalaq kienet gravi tant illi l-konvenuta ma kellhiex għażla oħra għajr illi tirriżenja mil-posizzjoni tagħha, u dan b'mod immedjat, u dwar dan ser jingħata iktar dettal matul il-kawża.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, din l-Onorabbli Qorti qiegħda tiġi mitluba sabiex tiċħad it-tabliet attriċi bl-ispejjeż kontra l-istess attur.*

**Provi:**

3. Rat id-dokumentazzjoni kollha eżebita mir-rikorrent, fosthom is-*Shareholders Agreement* datat 1 ta' Frar 2019 eżebit a fol 34.

4. Rat id-dokumentazzjoni kollha eżebita mill-intimata, fosthom il-'*Preliminary Business Plan*' datat 16 ta' Jannar 2019 minnha redatt eżebit a fol 82.

5. Semgħet ix-xhieda tal-**Luke Desira** mogħtija fl-20 ta' Novembru 2019 (fol 93).

6. Semgħet ix-xhieda ta' **Darrell Caruana**, accountant, mogħtija fil-11 ta' Frar 2020 (fol 105) u rat id-dokumenti minnu ppreżentati, ossija korrispondenza permezz ta' emails. (fol 114 *et sequitur*).

7. Semgħet ix-xhieda ta' **Elaine Zammit**, persuna illi taħdem flimkien mar-rikorrent f'operazzjoni kummerċjali oħra illi għandu bl-isem ta' Craze Travel, mogħtija fil-11 ta' Frar 2020 (fol 126).

8. Semgħet ix-xhieda ta' **Romlin Desira**, mart ir-rikorrent, mogħtija fil-11 Frar 2020 (fol 128) u rat id-dokumenti minnha eżebiti (fol 137-138).

9. Rat in-nota tar-rikorrent ippreżentata fit-8 ta' Ġunju 2020, li permezz tagħha ġie ddikjarat li m'għadx fadal iżjed provi da parti tar-rikorrent (fol 142).

10. Rat li fit-13 ta' Ottubru 2020, l-avukat difensur tar-rikorrenti ippreżenta dokument ta' Notification of Criminal Proceedings kontra s-soċjeta' Positivitea Limited (fol 146).

11. Rat l-affidavit ta' **Rachel Vella Spiteri**, bil-lingwa Ingliża, ippreżentat u maħluf seduta stante fis-17 ta' Frar 2021 (fol 149 – 157) flimkien ma' dokumentazzjoni varja (fol 158 sa 198).

12. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Luke Desira mogħtija fis-17 ta' Frar 2021 (fol 199).

13. Rat l-affidavit addizzjonali ta' Rachel Vella Spiteri ippreżentata fis-26 ta' April 2021, (fol 229) u d-dokumenti magħha annessi ossija skambju ta' messaġġi bejn il-partijiet u dokumentazzjoni oħra (fol 231 *et sequitur*).

14. Semgħet ix-xhieda in kontro eżami ta' Rachel Vella Spiteri mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2021 (fol 247) u x-xhud ġiet murija Dok EBR 1 (fol 256).

15. Semgħet ix-xhieda ulterjuri in kontro eżami ta' Rachel Vella Spiteri mogħtija fl-24 ta' Novembru 2021 (fol 258).

16. Semgħet ix-xhieda ta' Luke Desira in ri-eżami datata 17 ta' Frar 2022 (fol 270).

17. Rat illi fid-9 ta' Ġunju 2022, il-provi ġew dikjarati magħluqa w il-kawża tħalliet għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub.

18. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrent Luke Desira ippreżentati fit-18 ta' Ottubru 2022.

19. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet bil-miktub ta' Rachel Vella Spiteri, ippreżentata fl-14 ta' Marzu 2023 (fol 290).

20. Rat illi fl-4 ta' Marzu 2023 il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

21. Jirriżulta illi r-rikorrent jikkontendi illi kellu fil-pussess tiegħu kirja ta' fond ossija ħanut bl-isem ta' Chai Coffee Shop, li kien jinsab ġewwa 39, Triq l-Imdina, Attard.

22. Jirriżulta li r-rikorrent beda jfittex lil xi ħadd biex jopera tali ħanut.

23. Jirriżulta li l-konvenuta, wara li rat ir-reklam tar-rikorrent, interessat ruħha li tibda tiġġestixxi u tieħu sehem fin-negozju tal-cafeteria 'Chai'.

24. Jirriżulta li, wara illi l-partijiet ltaqgħu u ddiskutew il-possibiltajiet, fejn saħansitra l-intimata rrediġiet u ppreżentat Business Plan dettaljat fis-16 ta' Jannar 2019 (fol 82), eventwalment, fl-1 ta' Frar 2019, ġie iffirmat shareholders agreement (fol 36), fejn il-partijiet qablu illi kellha tiġi ffurmata kumpannija bl-isem ta' Positivitea Limited u, fost affarijiet oħra, filwaqt li r-rikorrenti kellu jitrasferixxi l-kirja u l-assi kollha tal-ħanut fuq isem Positivitea, l-intimata ingħatat (70%) sebgħin fil-mija sehem fil-kumpannija, liema sehem ġie ivvalutat mill-partijiet ta' din il-kawża fis-somma ta' tmienja u għoxrin elf Ewro (€28,000), liema sehem intrabtet illi tħallas permezz ta' pagamenti rateali fuq medda ta' ħames snin.

25. Jirriżulta illi, sussegwentement, il-kumpanija Positivitea Limited ġiet irreġistrata mar-Reġistru tal-Kumpaniji fil-25 ta' Frar 2019, fejn hija kienet is-Sole Director u Company Secretary tal-kumpannija.

26. Jirriżulta illi, għalkemm l-intimata bdiet topera l-ħanut kif miftiehem, maż-żmien bdew jinqalgħu differenzi bejn il-partijiet, filwaqt illi kien hemm diffikultajiet sabiex jinfetaħ kont bankarju f'isem il-kumpannija, u ftit aktar minn xagħrejn wara illi bdiet topera, ossija fil-15 ta' April 2019, l-intimata għarrfet lir-rikorrent illi ma ridetx tkompli topera il-ħanut (fol 57).

27. Jirriżulta illi, sussegwentement, fl-24 ta' Ġunju 2019, ir-rikorrent intavola l-kawża odjerna għad-danni kkawzati mill-aġir tal-intimata.

28. Jirriżulta li r-rikorrenti tilmenta li l-intimata daħlet għall-inkarigu li tieħu ħsieb in-negozju tal-cafeteria 'Chai', u jallega li hija għamlet diversi affarijiet kontra l-benessere tal-kumpanija, u hija abbandunat in-negozju u għalhekk qed jipproċedi għad-danni.

29. Jirriżulta illi, eventwalment, fil-15 ta' Lulju 2019, l-intimata irriżenjat minn direttriċi fil-kumpanija Positivitea Limited, liema bidla saret skont il-Form K (fol 77).

**Kunsiderazzjonijiet fil-mertu**

30. Jibda biex jingħad, li huwa evidenti li l-pern prinċipali tal-kwistjoni quddiemna titratta is-'shareholders agreement' iffirmat bejn il-partijiet fl-1 ta' Frar 2019, peress illi l-ftehim milħuq bejn il-partijiet kien kristallizzat dakinhar.

31. Jirriżulta, mill-qari tal-ftehim, illi huwa importanti li l-Qorti tibda billi tagħmel referenza għal dak indikat taħt it-titolu **Consideration** fil klawsola tnejn (2) ta' dan is-'shareholders agreement' fejn ġie miftiehem is-segwenti:

> *"i) Mr Luke Desira agrees to transfer the Rental agreement of the property situated at Chai, 39, Mdina Road, ATD 9038, H'Attard, Malta, including any Licences and subscriptions from his personal name to Positivitea.*
>
> *ii) Mr Luke Desira agrees to transfer the Brand under the name Chai to Positivitea including any social media Accounts and Domains;*
>
> *iii) Mr Luke Desira, to transfer all immovable assets currently held in the shop and owned by Mr Luke Desira. Such assets shall be listed in a List to be named as 'Annex 1: Transferred Assets' and to be signed by both Luke Desira and Rachel Spiteri ;*
>
> *iv) Mr Luke Desira to invest € 2,100 in the company as available cash for business. Such investments are to be classified against the initial Share Capital Investment and the remaining as Shareholder Loan.*
>
> *v) Ms. Rachel Spiteri to invest €4,900 in the company as available cash for business. Such investments are to be classified against the initial Share Capital Investment and the remaining as shareholders loan.*
>
> *vi) Initial rent for the period 1st February 2019 to 22nd March 2019 is to be paid by Mr Luke Desira and Ms Rachel Spiteri as 30%-70% respectively. Such payment shall be classified as Shareholders Loan.*
>
> *vii) Both parties have agreed that the assets listed in 2i,2ii, and 2iii, which shall form part of the Annex 1: Transferred Assets list are currently holding a value of forty thousand euros. Such value of forty thousand euros shall be payable by Ms Rachel Spiteri and Mr Luke Desira at 70%-30% respectively to the same Mr Luke Desira. Such payment shall be payable in monthly*

*instalments for a total of €8,000 per year split accordingly 70%-30% respectively. For the avoidance of doubt, the amount of twenty eight thousand Euros €28,000 shall be payable by Ms Rachel Spiteri to Mr Luke Desira, and such amount shall be considered a debt, certain, liquid and due by Ms Rachel Spiteri in her personal capacity to Mr Luke Desira. This amount shall be paid in monthly instalments by Ms Rachel Spiteri to Mr Luke Desira at the amount of €467 per month for the duration of 5 years starting from and due on the 1st of March 2019. This amount due by Ms Rachel Vella Spiteri to Mr Luke Desira shall be payable as agreed here above irrespective of resignation from Director of Ms Rachel Spiteri from the new company. To this effect, Ms Rachel Spiteri shall have the right to assign this debt due to Mr Luke Desira to any third party upon written agreement between the parties of this agreement and the new party, that is the assignee of the loan. Both parties agree that if any monthly payment is delayed by 30 days from due date ('due date being the first day of every calendar month), the party delaying such payments will transfer back the assets to Mr Luke Desira at no consideration and with no right of refund for any instalments paid till date. Mr Luke Desira acknowledges that the above mentioned loan of €28,000 to be paid by Ms Rachel Spiteri to himself shall be considered an interest free loan."*

32. Mill-qari ta' tali ftehim, huwa ċar illi l-bażi tal-ftehim kienu l-obbligi assunti mir-rikorrent partikolarment 2(i) u 2(ii), liema obbligi dehru ċar illi kienu il-prekursur tal-ftehim kollu li kellu jiġi attwat u li riżultat ta' dan kienu jiskattaw il-konsegwenzi l-oħra kollha elenkati fl-istess klawsola tnejn (2).

33. Jirriżulta ċar, mill-provi u mill-atti ta' każ, li r-rikorrent ma onorax l-obbligi tiegħu f' dan ir-rigward, billi ma ħax permess mingħand sid il-propjetà, il-cafeteria 'Chai', sabiex jitrasferixxi il-kirja, ossija r-rental agreement f'isem il-kumpanija Positivitea, kif kellu l-obbligu li jagħmel skont l-ewwel punti elenkati fi klawsola tnejn (2). Fil-fatt, ma jirriżultax li t-trasferiment tal-kirja qatt saret propju għaliex l-arranġament li r-rikorrent kien assigura li jagħmel ma' sid il-propjetà baqa' ma sarx - għandu jingħad ukoll illi, tul il-proċeduri odjerni, ir-rikorrent qatt ma ressaq kopja tal-kirja illi allegatament kellu hu tal-ħanut, u wisq anqas kwalsiasi trasferiment illi kien obbliga ruħu illi jagħmel lis-soċjeta' Positivitea Limited.

34. Fis-sottomissjonijiet tagħha, l-intimata sostniet li r-rikorrent naqas mill-obbligi tiegħu kif stipulati fis-'shareholders agreement' peress illi l-ammont ta' €28,000 kienu jirrappreżentaw il-valur attribwibbli għat-trasferiment tal-assi u kirja, li kellhom isiru minn Luke Desira għal fuq il-kumpanija Positivitea, liema trasferiment qatt ma sar, u għalhekk, m'għandu jitħallas xejn lura minnha ladarba r-rikorrent naqas mill-obbligi prinċipali tiegħu f' dan l-agreement.

35. Huwa ċar illi dak prinċipalment miftiehem kien li Luke Desira jitrasferixxi ir-'rental agreement' f'isem il-kumpanija Positivitea u l-intimata kellha tieħu ħsieb in-negozju tal-cafeteria. Madankollu, ġaladarba ir-rikorrent naqas milli jonora l-obbligi tiegħu, hija ħaġa naturali li huwa ma jistax jipproċedi kontra l-intimata sabiex tonora l-parti tagħha.

36. Kif ammess mir-rikorrent stess fix-xhieda tiegħu in kontro-eżami tas-17 ta' Frar 2021, li:

"*Avukat: It-transfer ma sarx effettivament hux?*

*Qorti: It-transfer ma sarx hux?*

*Xhud: le.....le.....le......xtaqt isir hafna imma ma sarx....*"

**Ikkunsidrat**

37. Meqjus dan, il-Qorti ser tirreferi għal xi prinċipji legali applikabbli f' materja kontrattwali, fejn huwa magħruf li il-ftehim huwa liġi għall-partijiet kontraenti skont l-**artikolu 992(1) tal-Kodiċi Ċivili**.

38. Il-prinċipju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti, jibqa' dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jiġi rispettat u l-volonta tal-partijiet kif espressa fil-konvenzjoni għandha tipprevali u trid tiġi osservata (*Pacta sunt servanda*) (Ara **Gloria mart Jonathan Beacon et vs l-Arkitett u Inġineer Ċivili Anthony Spiteri Staines**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998).

39. L-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jwassal għall-fatt li ftehim validu bejn il-partijiet, huwa *pacta sunt servanda*, u l-ebda Qorti ma għandha tindaħal fi ftehim bħal dan diment li dak il-ftehim ma jkunx meħud b'xi difett. Huwa aċċettat ukoll, li l-applikazzjoni ta' din ir-regola minsuġa fil-Kodiċi Ċivili, trid tiġi interpretata wkoll fid-dawl tal-prinċipju ieħor ewlieni tad-dritt, illi l-kuntratti jiġu eżegwiti in *bona fede*.

40. Fil-fatt l-**artikolu 993 tal-Kodiċi Ċivili** jiddisponi:

> *"Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwita`, bl-użu, jew bil-liġi."*

41. Fil-kawża **Mark Calleja Urry et vs Joseph Portelli et** (129/2006/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar 2011, il-Qorti irribadiet:

> *"………. Il-prinċipju jibqa' l-istess, cjoe`, dak tal-libertà kuntrattwali bil-korollarju tiegħu li l-eċċezzjonijiet għal dik il-liberta m'għandhomx jiġu estiżi li hemm mil-limiti tan-navy li tistabbilixxi l-eċċezzjoni......... Il-kodiċi ċivili jagħti lill-kuntratti magħmulin skond il-liġi is-saħħa tal-liġi stess, ejja l-aħwa liġi, cjoe` il-liġi tal-partijiet, il-mezz u l-miżura tal-indipendenza personali tagħhom fil-kamp kontrattwali, u li ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin jew għal raġunijiet magħrufin fil-liġi."*

**Ikkunsidrat**

42. Fil-kawża tiegħu, r-rikorrent jilmenta dwar il-ħinijiet tax-xogħol ta' l-intimata, u n-nuqqas tal-intimata għal 'food handling certificate' biex topera l-cafeteria, kif wkoll, li kienet ir-responsabbilta` tal-intimata, li tiftaħ il-kont bankarju, għas-soċjeta' Positivitea Limited, liema responsabbilta' hija naqqset milli tonora.

43. Madanakollu, din il-Qorti tqis illi ebda minn dawna l-ilmenti ma huma ta' relevanza għal każ odjern. Dana qiegħed jingħad għax, fid-dawl tal-fatti u ċirkostanzi tal-każ kif

ben ippruvati, il-pern prinċipali stipulat fis-'shareholders agreement' kien it-trasferiment tal-kirja tal-ħanut minn isem ir-rikorrenti għal fuq il-kumpannija Positivitea Limited, li qatt ma seħħet, u għalhekk kwalsiasi allegazzjonijiet tar-rikorrent dwar nuqqasijiet tal-intimata fil-benessere tan-negozju tal-cafeteria 'Chai', mhumiex argumenti validi u ma jreġġux peress illi huma sekondarji għan-nuqqas prinċipali u ewlieni tiegħu.

44. Il-Qorti hija tal-fehma li, ġaladarba ir-rikorrent naqas mill-obbligi tiegħu kif miftehma fis- 'shareholders agreement', l-intimata kellha kull dritt tabbanduna n-negozju kif fil-fatt għamlet, ftit xhur wara l-operat tal-istess negozju.

45. Rigward ir-renta u l-ispejjeż l-oħra li komplew jiġu mħallsa mir-rikorrent, indubbjament dawna kellhom jibqgħu a kariku tar-rikorrent ladarba t-trasferiment tar-'rental agreement' fuq il-kumpanija Positivitea baqa' ma seħħx, liema obbligu ta' trasferiment, kien jinkombi fuq ir-rikorrent.

46. Dwar dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent, referenza għal telf ta' profitt, jiġi innutat mill-assjem tal-provi, li l-cafeteria 'Chai', kienet magħluqa qabel il-ftehim tas-'shareholders agreement', bejn il-kontendenti. Inoltre`, issir referenza, għall-'preliminary business plan' eżebit fol 82 *et sequitur* tal-proċess, fejn hemm indikat, li l-cafeteria kellha bżonn dawra u tindif u 'stock take' qabel tinfetaħ. Għalhekk, dak pretiż mir-rikorrent rigwardanti telf ta' profitt u danni f'telf ta' l-opportunità u danni lir-reputazzjoni, huma għal kollox inapplikabbli f'dan il-każ anke għaliex ma jirriżultax li kien hemm 'goodwill', reputazzjoni tan-negozju li kienet stabbilita, iżda kienet l-intimata li fetħet l-operat ta' din il-cafeteria u bdiet tiġġestixxi n-negozju kif pattwit, bejn il-partijiet.

47. Din il-Qorti tqis ukoll illi ma tressqet ebda prova konkreta għas-sodisfazzjon tal-Qorti dwar x'danni seta' sofra, fejn jiġi osservat, li r-rikorrent ma eżebixxa ebda dokumenti jew stimi finanzjarji dwar l-allegati danni pretiżi minnu.

48. Għalhekk, il-Qorti tqis illi l-azzjoni rikorrenti ma tistax tiġi kkunsidrata favorevolment minn dina l-Qorti, riżultat ta' nuqqasijiet minnu magħmula u li wasslu lill-intimata sabiex titlaq l-operazzjoni kummerċjali illi hija xtaqet tibda ftit xhur qabel. Dan qed jingħad għax ir-rikorrent ma jistax jipproċedi sabiex jitlob li l-intimata tiġi ikkundannata biex tonora l-obbligi indikati fl-istess ftehim, meta kien huwa li prinċiplament naqas mill-obbligu prinċipali tiegħu.

49. Fid-dawl tas-suespost, ser tirrespinġi wkoll, it-talbiet kollha tar-rikorrent.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi semgħet il-provi u rat l-atti kollha proċesswali ippreżentati quddiemha;

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-abbli difensuri tar-rikorrent u ta' l-intimata;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa’** l-eċċezzjonijiet ta’ l-intimata fil-mertu.

**Tiċħad** it-talbiet kollha tar-rikorrent kif dedotti.

**L-ispejjeż** kollha għandhom ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur